MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Numru 845/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Abdilla**
**v**

**ERROL GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ERROL GRECH** ta' sitta w ghoxrin sena bin Grezzju u Nina nee Mifsud, imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 1979 u joqghod 11, Sqaq San Bastjan, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita` numru 0410979M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejn ta’ nhar s-sebgha ta' Awissu 2005 bejn l-erbgha u l-hamsa ta’ filghodu waqt li kien quddiem La Vallette Resort li jinsab fi Triq d-Dragonara, Paceville, San Giljan, u fil-vicinanzi,

minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajjar f'perikolu car, ikkagna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Raggio Dino detentur tal-akrta tal-identita numru 642682M kif gie certifikat minn Doctor Elaine Cachia MD fl-isptar San Luqa;

2. talli bil-lejl, volunarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2005 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar s-sittax ta' Novembru 2006 kif jirrizulta a fol 8 tal-atti.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jiddikjara fis-seduta tat-tmintax ta' Ottubru 2006 li kien qed jirrimetti ruhu ghal atti tal-kawza w d-difiza taghmel t-trattazzjoni taghha fl-istess seduta.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sittax ta' Novembru 2005 **xehed l-Ispettur Carmelo Abdilla** [fol 9] fejn qal li nhar s-sebgha t' Awissu 2005, ghal habta tal-erbgha w kwart ta' wara nofsinhar il-pulizija kienet rceviet rapport minghand Dino Raggio li waqt li kien quddiem l-La Vallette Resort, Triq d-Dragonara, Pacveville, San Giljan, kien gie avvicinat mill-imputat w akkuzah li kien kissirlu l-*badge* tal-karozza tal-ghamla Alfa. Dino Raggio kien innega mal-imputat li kellu x'jaqsam f'dan l-incident u qam argument bejniethom fejn sofra griehi ta' natura gravi hekk kif iccertifikat Doctor Elaine Cachia. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija li kien irrilaxxja l-imputat fis-sebgha ta' Awissu 2005, wara li nghata s-solita twissija fil-prezenza ta' PC 901, liema stqarrija

tinsab esibita a fol 11 markata bhala document CA 1. Esibixxa wkoll c-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Elaine Cachia li gie mmarkat bhala dokument CA 2 [fol 14].

Illi nhar s-sittax ta' Novembru 2005 **xehdet Doctor Elaine Cachia** [fol 159] fejn qalet li fis-sebgha ta' Awissu 2005, hi kienet ezaminat lil Dino Raggio. Murija l-*patients certification form* [dokument CA 2], ix-xhud ikkonfermat l-kontenut tieghu fejn iddikjarat li l-pazjent kien sofra griehi ta' natura gravi.

Illi nhar s-sittax ta' Novembru 2005 **xehed PS 419 A Buttigieg** [fol 17] fejn qal li fil-lejl ta' bejn s-sitta w is-sebgha ta' Awissu 2005, hu kien xoghol Paceville w ghal habta tal-erbgha ta' filghodu tas-sebgha ta' Awissu, 2005, kienet marret persuna fuqu tghidlu biex imorru hdejn St. George's Park ghaliex kien hemm glieda. Spjega li kif wasal hemm sab lil vittma jistahba u tlett persuni, fosthom l-imputat presenti fl-awla.

Qal li hu tkellem mal-vittma li qallu li waqt li kien qed jiekol *hot dog*, kienu marru tlett minn nies u qabdu jaghtuh. Ix-xhud qal li sussegwentement hu tkellem wkoll mal-imputat u ma shabu u dawn qalulu li kif kienu sejrin ghal vettura taghhom, raw lil vittma jaqlalhom l-*badge* tal-vettura taghhom u qabdu jaghtuh. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala document PS [fol 19]. Zied jghid li l-imputat qallu li ma kienx sofra ebda griehi. Mistoqsi jekk hu rax xi griehi vizibbli, ix-xhud m'gharafx iwiegeb pero qal li l-vittma kellu xi griehi fuq xoftejh.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 **xehed Rosario Grech** [fol 23] fejn mistoqsi jekk xtaqx jaghti d-deposizzjoni tieghu, stante li l-imputat huwa huh, wiegeb li xtaq jixhed f'dawn il-proceduri. Qal li nhar s-sebgha ta' Awissu 2005, hu kien ma huh l-imputat u certu Roderick f'Paceville jieklu ghand wiehed li jbiegh l-*kebabs*. Qal li huma kienu marru hemmhekk bil-vettura tal-ghamla Alfa Romeo. Qal li l-imputat kien miexi qabilhom, pero hu kien sejjer lejn il-karozza biex jistennihom hemmhekk.

Qal li kif nizel fejn il-karozza sab l-pulizija ma gembha u konfuzzjoni. Qal li l-*badge* tal-karozza kienet maqlugha pero ma kienx jaf minn qalaghha. Mistoqsi jekk rax xi dmija f'wicc huh, ix-xhud wiegeb li jaf li huh qala daqqa f'wiccu fuq xofftejh. Qal li huh dak l-hin kien qallu li qabad lil xi hadd inehhi l-*badge* mill-karozza u daru ghalih u kellu xi jghid maghhom. Qal li huh qallu wkoll li kien qala daqqa ta' ponn fuq xofftejh u xofftejh dehru minfuhin. Mistoqsi jekk rax xi nies jaqilghu l-*badge* tal-karozza tieghu, ix-xhud wiegeb li lil wiehed minnhom kien rah, pero peress li kien hemm l-pulizija, halla kollox f'idejhom.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 **xehed Roderick Grech** [fol 25] fejn qal ghalkemm l-imputat jigi huh xorta xtaq jaghti d-deposizzjoni tieghu. Spjega li kienu qed jieklu ghand tal-*kebabs* f'Paceville dakinhar tal-incident w appena hargu barra vicin l-lukanda, raw hafna pulizija madwar il-karozza ta' huh li kellha l-*badge* taghha maqlugha. Qal li hu kien jaf li huh kellu x'incident ma xi nies. Qal li huh l-imputat kien qallu li appena hareg mir-restaurant, ra xi nies jaqilghu l-*badge* tal-karozza tieghu u daru ghalih wara li staqsihom ghaliex kienu qalghu l-*badge* mill-karozza tieghu. Qal li huh qallu wkoll li hu kien qabad jaghti. Mistoqsi jekk qabel ma hargu mid-dar, l-*badge* tal-karozza kienetx hemm jew le ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li huh qallu wkoll li n-nies kienu kissrulu wkoll s-sinna u fil-fatt kien urih s-sinna miksura wkoll.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Frar 2006 **xehed Dino Raggio** [fol 30] fejn qal li hu kien ghaddej ma kugin tieghu minn San Giljan dakinhar tal-incident. Qal li f'hin minnhom, l-imputat u shabu marru fuqhom w akkuzawhom li kienu qalghu xi *badge* minn karozza. Qal li fil-fatt l-akkuza ma kienetx fil-konfront tieghu personali, izda fiil-konfront tal-kugin tieghu li kien mieghu. Qal li hu beda jghid lil imputat li dak li kien qed jallega ma kienx minnu u dan beda jaghtih daqqiet ta' ponn go wiccu u wara kellu jmur l-isptar fejn hargulu certifikat ghal feriti li garrab. Qal li hu kellu qasma f'mohhu u xi tbengil taht ghajnejh.

In kontr'ezami Dino Raggio qal li hu kien hemm flimkien ma kugin tieghu. Mistoqsi min kien hemm aktar, ix-xhud

wiegeb li kien hemm tnejn minn nies ohra li ma kienx jafhom.

Cahad dak suggerit mid-difiza, li t-tnejn minn nies l-ohra dahlu wkoll fil-glieda. Qal li kien l-imputat li refa'idejh biss u li l-kugin tieghu telaq jigri u wara gew l-pulizija. Ix-xhud qal li l-ohrajn ma tawhx daqqiet, kien biss l-imputat li tah w gharfu ghaliex kien fid-direzzjoni opposta tieghu. Qal li dak l-hin huma keinu quddiem l-La Vallette Resort.

Cahad li kien d-dlam hemmhekk ghaliex kien hemm zewg bozoz kbar jaghtu d-dawl. Qal li l-allegazzjoni kienet li l-kugin tieghu kien qala xi *badge* ta'karozza pero ghalfejn qala d-daqqiet hu, ma kienx jaf. Qal li hu kull ma pprova jaghmel kien li jikkalma s-sitwazzjoni. Qal li fl-ebda hin ma gew mitluba jiccekkjaw il-bwiet taghhom biex jaraw jekk kienx hemm xi *badge* fil-pussess taghhom. Qal li l-imputat, ghal xejn b'xejn beda jaghtih.

Illi nhar d-dsatax ta' April 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 35] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien Paceville bil-karozza ta' huh u kien fil-kumpanija ta' hutu peress li marru jieklu. Qal li hu hareg qabel hutu mir-restaurant ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu u ra lil xi hadd jaqla l-*badge* mill-vettura ta' huh. Qal li kienu tlieta minn nies u meta gibdilhom l-attenzjoni ghal dan il-fatt, dak li kien, rema' l-*badge*. Qal li hu mar fuqhom, huma daru ghalih u hu beda jiddefendi ruhu minnhom ghaliex bdew jolqtuh. Qal li fil-fatt qasmulu xofftejh u tajjrulu sinna. Mistoqsi mill-Qorti jekk marx ghand xi tabib, ix-xhud wiegeb li ma marx. Ix-xhud wera lil Qorti s-sinna li kellha kulur kannella. Qal li ghalih, l-istorja kienet waqfet hemmhekk u li kien ghalhekk li ma marx ghand l-pulizija, pero sussegwentement marru l-pulizija fuq il-post.

Mistoqsi x'kienu ghamlulu dawn t-tlett minn nies, l-imputat qal li kienu daru mieghu u qasmulu xofftejh. Mistoqsi minn minnhom fil-fatt tah xi daqqiet bil-ponn, x-xhud wiegeb li kienu t-tlieta li tawh. Mistoqsi kif iddefenda ruhu, x-xhud wiegeb li beda jimbutthom biex ma jkomplux jaghtuh. Mistoqsi jekk l-*badge* instabitx, l-imputat wiegeb

fin-negattiv. Qal li meta staqsa lil min kien qed jipprova jiehu l-*badge*, x'kien qed jaghmel, dan qabad il-*badge* u remiha lil hinn. Ix-xhud ikkonferma fl-intier taghha l-istqarrija li hu kien irrilaxxja lil pulizija dakinhar tal-incident u zied jghid li dik hija l-verita kollha. Ix-xhud fil-fatt ikkonferma l-firma tieghu fuq l-istess stqarrija rilaxxjata minnu.

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni qed issostni li l-imputat qabad u kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Dino Raggio, filwaqt li d-difiza, tghid li dan sar ghaliex l-vittma kien seraq il-*badge* tal-ghamla Alfa Romeo mill-vettura tal-imputat.

Id-difza pero teccepixxi l-legittima difesa u tghid li l-imputat gie aggredit meta mar isaqsi lil Dino Raggio ghaliex kien seraqlu l-*badge* u fil-fatt spicca b'sinna miksura u xi feriti f'xoffetjh u kien dak l-hin li huwa beda jiddefendi lilu nnifsu w ikkagna l-feriti li ssubixxa l-istess Dino Raggio.

Fil-fatt a tempo vergine tal-investigazzjoni, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li hu mar jaghmel konfront ma Dino Raggio u jistaqsih ghaliex kien seraqlu l-*badge* pero allegatament dak l-hin, Dino Raggio u zewg persuni ohra li kienu mieghu, aggredewh u kien ghalhekk wara li rah jarmi l-*badge* taht karozza li beda jaghtih. Jghid li dak l-hin, hutu ma kienux ma gembu. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk tax xi daqqa ta' ponn fuq xofftejn wiehed minnhom, l-imputat wiegeb li ma jiftakarx pero jaf li gie fl-idejn maghhom peress li rahom jaqilghu l-*badge* tal-karozzza. Huwa jghid li kull m'ghamel kien li ddefenda ruhu mill-aggressjoni tat-tlett minn nies ghaliex daru ghalih.

Il-fatt li l-*badge* kienet maqlugha huwa konfermat minn hut l-imputat li kienu mieghu u cioe minn Rosario Grech u Roderick Grech.

Illi l-vittma tghid li qalghet daqqiet ghal xejn b’xejn ghaliex l-allegazzjoni tas-serq tal-*badge* ma kienetx indirizzata lejh, izda lejn l-kugin taghha. Jghid li hu dahal fl-incident meta mar biex iferraq.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta’ Novembru 2003*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Mizzi**, dwar d-difiza ta’ legittima difesa. Dik il-Qorti sostniet li:

*“Id-difiza ta’ legittima difesa hija limitata ghal kazijiet fejn persuna tkun qed tigi akkuzata b’omicidju voluntarju jew offiza volontarja fuq il-persuna mhux ferjn l-akkuza tkun ma xi reat iehor; n-necessita hija differenti wkoll mid-difiza tal-koazzjoni, din tal-ahhar kontemplata fl-artikolu 47(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.”*

Jigi rilevat li huwa veru li d-dritt ta’ legittima jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamanetali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke b1-uzu ta' forza.  Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli.

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara ta' offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

Kif gie tenut fis-sentenza **Il-Pulizija v Joseph Psaila** moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fl-ghoxrin ta' Jannar, 1995,*** l-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel ghamlu stante li l-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun imminenti, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dak jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.

Il-perikolu irid ikun wkoll assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza.

Kif fil-fatt **l-Imhallef Harding** fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Joseph Attard deciza fil-hdax ta' Novembru, 1968*** jghid:

"*L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu indikati ahjar milli bil-formula klassika tal-Carrara li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jisab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghawx jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu ikun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew xi jmissu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza.

Fil-fatt, kif jghid il-**Professur Mamo,**

“*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Issa, f’dan il-kaz, fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax li l-imputat kien qed jigi aggredit u cioe attakkat minn xi persuna, izda li kien hu li mar fuq il-vittma ghas-sodisfrazzjon, kif jghid hu stess, sabiex isaqsi ghaliex seraqlu l-*badge* u kien dak l-hin meta huwa aggredixxa lil vittma Dino Raggio w mbaghad spicca possibilment aggredit hu. Zgur pero li l-aggessjoni bdiet mill-imputat. Jekk l-vittma verament seraq il-*badge* tal-vettura tal-familjari tal-imputat, l-imputat ma kellu ebda dritt imur u jagredixxi lil xi persuna. Setgha qabad w ghamel rapport ghand l-pulizija u jistenna li ssir gustizzja.

Illi skond c-certifikat mediku rilaxxat minn Doctor Elaine Cachia, esibit a fol 14 tal-atti, jirrizulta li l-ferita li subixxa Dino Ragio, kienet ta’ natura gravi u dan c-certifikat qatt ma gie kontestat.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 4 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat kien kiser dufrejh mal-ligi f'okkazzjoni wahda biss u dan dwar ksur tal-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied fis-sena 2003 meta nghata R&A .

Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li l-piena idoneja ghandha tkun dik pekunjarja.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 214, 216 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lil imputat ERROL GRECH hati talli kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Dino Raggio u talli kiser il-paci pubblika u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ tlett mitt [300] lira maltin liema multa ghandha tithallas fi zmien xahar mill-lum u fin-nuqqas tigi awtomatikament konvertita f’sittin [60] jum prigunerija.**

Il-Qorti tordna notifika ta’ din s-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal kull interess li jista jkollu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------